# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 7 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru   10**

**Avviz  numru   486/01/SM**

**U.C.I.M. Company Limited**

**vs**

**Albert Stagno Navarra**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-24 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundanant:**

**1. Ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u erba' u tletin Lira Maltin, (LM434.00,0), rapprezentanti import ta' erba' (4) kambjali, tlieta (3) ta' LM99 u l-ohra ta' LM137, debitament accettati u skaduti minn April 2000 sa' Lulju 2000 rispettivament  u mhux imhallsa, annessi**

**bhala dokumenti numri minn 1 sa 4 konsekuttivament u inklusivament;**

2. **Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sas-16 ta' April 2001 jammontaw ghall-LM35, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv ul bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2001 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Hadet konjizzjoni tan-nota tal-konvenut datata l-5 t'Ottubru tas-sena 2001 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fil-avviz odjern;**

**Illi in vista' tal-premess, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut Albert Stagno Navarra ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' mija u erba' u tletin Lira Maltin, (LM434.00,0), bl-ispejjez u imghaxijiet legali mitluba skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**